Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

ISSUE NO. 09 · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · DECEMBER 2018

## NATIVITATIS

Għas-sett tal-Milied 2018 il-Maltapost ħadet ħsieb li toħroġ sett bolol li jitrattaw ix-xbihat ta' Ġesù tarbija. Il-bolol juru l-bambini li nsibu fil-parroċċi ta' Birkirkara, iż-Żejtun, u x-Xagħra. Il-bolla li turi l-bambin taż-Żejtun għandha l-valur ta' €0.59.

Ġesù tarbija taż-Żejtun hu minqux fl-injam mill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia. Matul is-sena Ġesù jkun f'kaxxa tal-ħġieġ fuq l-artal tar-Rużarju. Iżda fi żmien il-Milied jitpoġġa għall-adorazzjoni fuq l-artal tal-istess kappella. Din ix-xbieha għadha kemm ġiet irrestawrata minn Dun Ġino Gauci.





### PAPER PRESERVATION

On **page 11** we will discuss some tips how you can take to extend the life of family or important letters in your care. To see the dos and don'ts for the proper care of your paper items ... **>**



### THE MEDAL

On **page 6** Mario Casingena will continue discussing about the medals issued to commemorate the Malta Philatelic Exhibitions. This article continues with the article issued on issue 8 ... **>**

### KURŻITÀ

L-ogħla kollezzjoni filatelika li qatt inbiegħet kienet il-kollezzjoni Kanai. Din tikkonsisti f'183 paġna ta' bolol klassiċi mill-Mawrizji, fejn inbiegħet għall-prezz ta' 15-il mijun frank Żvizzeru (€13,316,575.35) fit-3 ta' Novembru, 1993 mill-irkantatur David Feldman fl-Iżvizzera. Din imsemmija għall-Inġinier Ġappuniż Hiroyuki Kanai li kkolezzjonha.

**€13,316,575.35**

# Il-Filatelija u l-Għerf

MILL-EDITUR
SEAN CHIRCOP



Matul dawn l-aħħar tlett xhur bħala għaqda komplejna nagħtu prominenza lill-filatelija u l-ħidma kompliet fi ħdan l-għaqda tagħna. Barra minn hekk komplejna nagħtu spazju lill-filatelisti u d-dilettanti tal-bolla biex jesponu l-kollezzjoni filatelika tagħhom u r-riċerka li jwettqu. Fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru erġajna tellajna l-wirja annwali tal-għaqda waqt Żejt iż-Żejtun, li reġgħet kienet ta' suċċess kbir. Ta' kull sena kif joqrob is-sajf nibda ninkwieta kif se jirnexxieli nimla Sala Ġużeppina Curmi b'materjal interessanti u li se jiġbed l-interess tal-pubbliku inġenerali. L-importanza mhux il-kwantità, iżda l-kwalità u li tara esibituri ġodda jidħlu aktar fil-fond tar-riċerka biex iressqu aktar il-filatelija lejn il-pubbliku. Iżda, f'dawn l-aħħar snin dan l-inkwiet li ma nimlix is-sala qed jispiċċa f'inkwiet ieħor li jkolli nagħlaq il-bieb għal xi wħud (dejjem l-ewwel prijorità tingħata lill-membri) u jkun hemm oħrajn ikolli nibgħathom b'xi xogħol lura. Dan juri kemm-il filatelija mhux qed tmut fil-verità iżda qed tieħu xejra oħra. L-akbar sodisfazzjon hu meta tara dawk il-mijiet fil-kjù jistennew biex jidħlu jaraw il-wirja, li l-maġġoranza tagħhom kif tasal bolla għandhom jarmuha.

Din is-sena għall-ewwel darba bħala għaqda ħadna sehem ukoll waqt l-esebizzjoni Maltex. Kien ta' sodisfazzjon għalina li ġejna mistiedna mill-Maltapost biex intellgħu għall-wiri l-materjal filateliku tagħna waqt il-wirja tagħhom li ttellgħet fil-Każin Malti, il-Belt Valletta. Kienet opportunità tajba ħafna biex inkomplu nippromovu l-għaqda tagħna ma' diversi filatelisti li ma kienux jafu biha. Ħasra li ma stajtx naqdi lil dawk kollha li interessaw ruħhom fil-materjal filateliku li ħareġ fi snin passati.

Għall-informazzjoni tal-membri ġodda jew qarrejja ġodda, dan hu l-materjal li bħala għaqda ħriġna:

- Fl-2006 ħareġ is-sett biex ifakkar il-5 snin mill-mewt ta' Frans Baldacchino (il-Budaj): żewġ bolol personalizzati u envelop kommemorattiv;
- Fl-2012 ħarġu bolla personalizzata u kartolina postali biex ifakkru l-10 snin anniversarju mit-twaqqif tal-għaqda;
- Fl-2014 ħareġ is-sett biex ifakkar l-400 sena mill-Aħħar Ħbit mit-Torok: żewġ bolol personalizzati u żewġ kartolini postali;
- Fl-2016, flimkien mal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, ħareġ is-sett biex ifakkar l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u l-400 sena mill-Parroċċa taż-Żejtun bħala Matriċi: żewġ bolol personalizzati, żewġ kartolini postali u envelop kommemorattiv;
- Fl-2017 ħareġ is-sett biex ifakkar il-15-il sena mit-twaqqif tal-għaqda u t-80 sena mill-ewwel ħarġa ta' The Melita Post: żewġ bolol personalizzati u żewġ kartolini postali;
- Fl-2018 bdiet is-sensiela Niċeċ iż-Żejtun li s'issa ħarġu 15-il bolla u kartolina minn 25 waħda.

Kif qed naraw matul l-aħħar snin bħala għaqda kull ma jmur komplejna nissaħħu u dejjem qed inkomplu noħorġu ideat ġodda biex nippromovu l-wirt Żejtuni permezz tal-filatelija. F'dawn l-aħħar sitt snin min-naħa tiegħi seħħ kollu bis-saħħa tagħkom il-membri u l-filatelisti li wrejtu interess fl-għaqda. Grazzi!

# Malta Christmas Stamps

BY
Anthony Sant




The Christmas connection has long been reported to have been the result of quick thinking; William Mulock was proposing that it be issued on 9th November 1898, to "honour the Prince" (meaning the Prince of Wales), but when Queen Victoria asked "what Prince?" in a displeased manner, Mulock realized the danger, and answered "Why, madam, the Prince of Peace."




In 1935, British Forces troops stationed in Egypt were issued with a Christmas stamp for their mail home. For many years these were not included in the Stanley Gibbons catalogues, as they classified them as a "seal" rather than a postage stamp, but they have been properly included since the mid-1960s as they prepaid postage an so, despite the inscription "Letter stamp", are normal stamps, and should therefore be counted as the first stamp issued expressly to mark Christmas.




In 1937, Austria issued two "Christmas greeting stamps", featuring a rose and zodiac signs. In 1939, Brazil issued four semi-postal stamps with designs featuring the three kings and a star, an angel and child, the Crosland a child, and a mother and child. In 1941 Hungary also issued a semi-postal whose additional fees were to pay for "soldiers' Christmas". The first stamps to depict the Nativity were the Hungary issue of 1943. These were all one-time issues, more like commemorative stamps than regular issues.




The next Christmas stamps did not appear until 1951, when Cuba issued designs with poinsettias and bells, followed by Haiti (1954), Luxembourg and Spain (1955), then Australia, Korea and Liechtenstein (1957). In cases such as Australia, the issuance marked the first of what became an annual tradition. Many more nations took up the practice during the 1960s, including the United States (1962), Malta (1964), and the United Kingdom (1966).

By the 1990s, approximately 160 postal administrations were issuing Christmas stamps, mostly on an annual basis. Islamic countries constitute the largest group of non-participants, although the Palestinian Authority has issued Christmas stamps since 1995.

The first Maltese Christmas set was issued on the 3rd November, 1964—showing the Holy Family in company of shepherds designed by Chev. E. V. Cremona. The Maltese Postal Authority decides to start annual Christmas stamp issue for several reasons.



The Christmas sets were considered to be a novelty. Since in those days the Maltese Postal Authority was doing its best to achieve fame for its stamps, it also considered that these to be a source of income. Christmas stamps were already introduced to the local philatelist during the Christmas time from the incoming letters especially from Australia and the United States of America. Many members of the local clergy and members of the religious doctrine society—M.U.S.E.U.M. collected such stamps. These might have created an indirect pressure on the local Postal Authority to start issuing a yearly Christmas set.

From 1964 to 1979, Cremona ceated sixteen Christmas sets. The first set of 1964 the design consisted of a traditional nativity scene in different colours. Another development in the Cremona Christmas stamp designs was the introduction of the triptychs. These stamps stared to be printed on two different types of sheets—a normal stamp sheet featuring the same value and another sheet depicting the triptychs.




The third development was the introduction of the miniature sheets in 1971 (the first one from Malta). The fourth development was the introduction of different stamp shapes involving the traditional British style set. In 1969 a Christmasm stamp exhibition was organised by the Maltese Postal Authority.







## ABBONA

Din il-ħarġa se toħroġ erba' (4) darbiet fis-sena. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ lejn l-aħħar ta' **Marzu 2019**. Din il-ħarġa hi b'xejn għall-membri kollha tal-għaqda, iżda dawk li mhux membri jridu jħallsu €0.50ċ. Biex tabbona jew tibgħat ittra lill-għaqda ibgħat fuq l-indirizz jew l-email t'hawnhekk.

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**

Disinn: **Glen Chircop**

# Niltaqgħu mal-
# membri tal-Grupp Filateliku



Dan ir-ritratt ġie miġbud fis-27 ta' Settembru 2018, dakinhar tal-ftuħ uffiċjali tal-Wirja Filatelika Annwali tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun. Din il-wirja damet miftuħa sat-30 ta' Settembru f'Sala Ġużeppina Curmi, taħt l-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu. F'dan ir-ritratt jidhru wħud mill-membri tal-Grupp Filateliku flimkien mas-Sindku, is-Sinjura Maria Dolores Abela, li nawgurat din il-wirja flimkien mal-Kunsillier Sean Chircop.

Mir-ringiela ta' fuq min-naħa tax-xellug jidhru: is-Sur George Galea, is-Sur Emmanuel Francalanza, is-Sur Silvan Mulgiett, is-Sa. Josianne Manicolo, is-Sur Michael Manicolo, is-Sur Raymond Agius, is-Sur Mario Casingena, u s-Sur Joseph Chircop

Mir-ringiela ta' isfel min-naħa tax-xellug jidhru: is-Sur Anthony Sant, is-Sur Francis Falzon, is-Sa. Maria Dolores Abela (is-Sindku), is-Sur Sean Chircop (iċ-Chairperson), is-Sur Samuel Parnis, u s-Sur Carmel Bonnici.

Hemm diversi membri oħra li ma jidhrux f'dan ir-ritratt, fosthom in absentia u kienu wkoll esibituri waqt din il-wirja nsibu lis-Sur Joseph Carabott, is-Sur Paul Żammit, is-Sur Mark Poulton, u s-Sur Albert Gatt.

Uħud minn dawn il-membri ilhom fil-grupp filateliku sa mit-twaqqif tiegħu 16-il sena ilu, fosthom is-Sur Francis Falzon li kien eks-pustier u hu s-Segretarju tal-Bord tad-Diretturi ta' Fondazzjoni Nazareth, li hu l-aktar membru anzjan.



Il-membri mhumiex biss miż-Żejtun, iżda huma minn diversi postijiet minn madwar Malta, fosthom Birżebbuġa, Ħal Tarxien, Santa Venera, is-Swieqi, Pembroke, il-Mellieħa, u Ħad-Dingli. Iżda kollha għandhom ħaġa komuni li l-filatelija hi ferm għal qalbhom u dejjem jesponu r-riċerka li jagħmlu f'diversi wirjiet madwar Malta u Għawdex biex in-namra tal-filatelija ma tmutx.

# The Medal

BY
MARIO CASINGENA

## *Malta Philatelic Exhibition 1977 & 1980*

### Exhibition of 12th to 17th December, 1977 - 7th edition




The Government gazette of 6th December, 1977: The Department of Post will be issuing a commemorative medal and a specially designed cover. The bronze gold plated medals will be serially number and will be issued with a certificate indicating the respective number of the medal and the total number of medal casts. The medal will reproduce on the observe the 5c stamp of the Europa 1975 issue depicting the painting 'Allegory of Malta' by Francesco de Mura and on the reverse the bronze bust of Grandmaster Gregorio Carafa surrounded by sculptured symbolic marble trophies which form the centerpiece of the façade of the Auberge d'Italie. Medals, in a presentation case at Lm3.75 (€8.74).



The exhibition for the second time was set up at the Auberge d'Italie. The Times of Malta of 13th December, 1977 reported the exhibition was inaugurated by the Minister of Development, Energy, Port, and Telecommunications, Mr. Wistin Abela. Prizes and certificates were distributed to the participants. The general theme of exhibition was 'Works of Art'. The aim of the biannual philatelic was to encourage local philatelists to exhibit collections and other philatelic material and to serve as a means of reunion of postal administration through the display of there postage stamps. The exhibition also served to foster a lively interest among the younger generation, promote interests in Malta stamps locally and overseas. Among the guests present for the opening included Mr. J. M. Baldacchino, Deputy Speaker, and Mgr. A. del Giudice, Apostolic Nuncio and members of the Diplomatic Corps.

The observe of the medal, this time has the stamp 'Allegory of Malta' which was designed by Chev. E. V. Cremona. Below the stamp there is the postal horn logo and along the edge of the medal the exhibition edition in Maltese "VII WIRJA FILATELIKA TA' MALTA 1977".

The reverse side carries the bust of Grandmaster Carafa and the exhibition edition and date in English "VIIth MALTA PHILATELIC EXHIBITION 1977".

Somehow the presentation is not the convincing and confusing as it would have looked better had it been the other way round. The medal that is gold plated was cast in a different place to the previous issues and is very likely to have been produced by the local zecca. The work lacks the sharpness in quality to what had been used to.






Coin issue in 2010 with Carafa bust



The subject matter of the 'Allegory of Malta' remains elusive, but it most probably represents an allegory of the Order of St. John in Malta. The seated female dressed in rich attire, complete with mamtle in gold brocatde holds espere in her right hand and embraces a statuette of a female warrior with the orders eight pointed cross inscribed on her sheet. The statuette rests in turn of a table featuring a support worked out in the image of a young mermaid, symbolsing the sea. A golden crown has been placed on a crimson cushion on which allegorical figure also rests her left foot. A mountains landscape is also visible in the background. The iconography of the small statue held by allegorical figures recalls that of the ancient Greek and Roman goddesses. The Roman goddess Minerva in Roman mythology was the goddess of wisdom and patron of the arts, trade, and the art of war, who was born fully armed from the head of Jupiter. While the Greek goddess Athena was the goddess of wisdom, war, arts, industry, justice, and skill. These descriptions could be easily described of the Order of St. John.

### Exhibition of 9th to 16th December, 1980 - 8th edition




The notice of the exhibition of the Government Gazette mentioned the issue of a bronze gold plated medals, serially numbered with a certificate indicating the respective number of the medal and the quantity cast. The price for the medal was a Lm4.50 (€10.49). The numbering of the medal can be traced on the thickness side of the medal. The dates of the exhibition were completely omitted. It is very likely that the medal was cast at the local zecca. The exhibition was held again at the Auberge d'Italie.

The observe side of the medal was a reproduction of the 6c stamp of the Vilhena Palace at Mdina issued on 15th February, 1980. The stamp design was reported as based on photographs by the DOI and J. A. Vella. Then along the edge of the medal the exhibition name and edition together with the date in Maltese, "VIII WIRJA FILALTELIKA TA' MALTA 1980". This time failed with the postal horn logo.

The reverse side shows the Ta' Qali Stadium and at the upper part the exhibition and edition in English. The Ta' Qali Stadium was selected for it was about to be inaugurated in 1881, it was the first ground with natural turf and every effort was made to keep it at international standards. The importance of sports activities started to be given a professional measure especially in football.



# *Il-ftuħ tal-Wirja Filatelika 2018*





# Wirja dwar is-Sensiela Niċeċ iż-Żejtun



Fir-ritratt jidhru l-Ministru għall-Kultura, il-Gvern Lokali, u l-Ġustizzja, l-Onor. Dr. Owen Bonnici, il-Viċi Sindku ta' Ċelano, il-belt tewmija maż-Żejtun, u l-Kunsilliera Joan Agius u Sean Chircop.

# *Il-Materjal waqt il-Maltex 2018*





# *Commemorative* Postal Markings

BY
SAMUEL PARNIS

### 1924 BRITISH EMPIRE EXHIBITION

The first commemorative handstamp to be used by the General Post Office of Malta was that to publicise the British Empire Exhibition held in 1924.




The British Empire Exhibition was officially opened by King George V on 23rd April 1924 – St. George's Day at Wembley in north London. It was a huge spectacle that ran for two summer seasons and attracted millions of visitors. Built from scratch on a green field site, the exhibition was a showcase for goods and produce from the Empire countries. Visitor attractions included an amusement park, a stadium for mass entertainments, and the world's first bus station.

These handstamps were in use in both 1923 and 1924. The earliest date recorded is that of 28th May 1923 and the latest is that of 12th April 1924. These handstamps were struck on the envelope away from the postage stamps (as can be seen below), while the stamps were cancelled by the normal office datestamp. Sometimes postage stamps have been seen cancelled but none of them are on cover.

Post Card issued by Heelway Press Ltd – England depicting the Maltese Pavilion at the British Exhibition of 1924.The pavilion was modelled on a Maltese Fort with the front entrance as the gateway to Mdina and the side doors as one of the gateways to Vittoriosa (Birgu).




The Pavilion had three rooms dedicated to *'Industrial Malta'*, *'Malta Under the Knights Period'* and *'Prehistoric Malta'*. The *'Malta Under the Knights'* room had suits of armour borrowed from the Palace Armoury in Valletta. While the room dedicated to *'Prehistoric Malta'* had two paintings by the Maltese artist Robert Caruana Dingli (the younger brother of Edward Caruana Dingli).




### 1952 TO 1959 MALTA TRADE FAIR

In the late 1940's *'The Malta Trade Fair'* was initiated, but it was not until 1952 that a Post Office started to be opened at the venue. Initially two of the standard Type 5, double ring with arc spacer, datestamps *TRF-51a* and *TRF-5b* were issued for used but they have not been used in every year.




**TRADE AND INDUSTRY EXHIBITION.**

Two standard double ring with arc spacer handstamps TRF-52a and TRF-52b, were in use at this exhibition held from the 18th July to the 2nd August 1959 at the Empire Stadium – Gżira.




**TRADE AND INDUSTRY FESTIVAL**

There were two such events (held at the grounds of St. Joseph's College, Blata l-Bajda) – the first was in 1958, when no postal facilities were available and the second was in 1959, from the 3rd to 13th September when a Branch Post Office was opened. The function of the festival was to raise funds for the building of a Chapel at the same College.

**19th CENTENARY OF ST. PAUL SHIPWRECKED - 1960**

Each of the Branch Post Office open in Malta and Gozo during the period from 9th February to 31st July 1960 were issued with a special datestamp to commemorate the 19th Centenary of St. Paul being Shipwrecked on the Island of Malta. This special datestamp was used to cancel the postage stamps and the normal datestamp was also applied to the envelope, but away from the stamps, to show the office of origin.







**INDEPENDENCE 1964**

This datestamp was used at a special Branch Post Office opened to serve the Independence Arena, Floriana, on 21st September 1964 when Malta was granted Independence. The Office was set up at the Primary School Annex, at *'The Mall'*, Floriana. It was opened from midnight until 4:00am; 8:00am to 12:00 noon and 6:00pm until midnight. This datestamp is unusual in that it can be found with the time slug 00.01 to mark the first minute of independence – note that the time was also formed from 10.00 upside down which can be recognised by the position of the full stop being at the top of the time.



# Paper Preservation

Il-mod kif bdiet tinħadem il-karta fl-1840ijiet u l-introduzjoni tal-polpa tal-injam iċċanat minflok id-drapp għamel il-karta irħas u aktar faċli biex issibha. Iżda, dan irriżulta biex il-karta tibda teqdim aktar malajr u saret iżjed fraġli. Infatti il-maġġor parti tal-karti li saru min-nofs is-seklu 19 lil hawn jitqatgħu aktar malajr.

Biex nippreservaw il-karti tal-lum il-ġurnata l-kundizzjonijiet ambjentali jilagħbu rwol kruċjali. Kundizzjonjiet ħżiena jistgħu jwasslu biex jħaffu d-deterjorjazzjoni tal-karta, il-karta tisfar aktar malajr, u l-linka tibda tiċċara. L-ambjent jista' wkoll jikkawża li l-karta timoffa, u arja kkontaminata fil-karta bħal nugrufun, ħmieġ mit-trab u kimiċi oħra. Il-mod kif se taħżen u ġġorr il-karta, jista' jikkawża deterjorjazzjoni. Dan jista' jseħħ minħabba xi liwja fil-karta, tiċrita, tikmix, staples u anke paperclips.

Jekk taħżen il-karta b'mod ħażin jista' jwassal għall-ħsara mid-dud, bħas-susa, għax uħud minnhom iħobbu jieklu l-karta u hemm oħrajn li jużaw il-karta bħala bejta. Sfortunatament ma tantx hawn x'tagħmel biex tiġġieled kontra l-ħsara li tkun diġà saret lill-karta. Il-kimika li tista' tintuża mir-restawraturi hi għolja u jekk il-karta tkun fraġli ma tantx tista' ġġibha għan-normal.

Biex tippreserva l-karti d-dar importanti li żżommhom f'post sigur u arjuż. Żommhom 'il bogħod minn fuq xi raff bla arja jew xi kantina. Kif ukoll ara li tpoġġihomx f'xi kamra li għandha persentaġġ għoli ta' umdità. Ara li ma tpoġġix l-karti direttament mal-art. Parir ieħor li għandek bżonn biex tippreserva l-karti hu li żżommhom 'il bogħod mid-dawl. Id-dawl jgħaġġel il-proċess biex il-karta ssir aktar fraġli, u jista' jiskura l-karta jew iġibha safra. Id-dawl jikkawża l-ħsara tul iż-żmien u ma tkunx tista' treġġa' l-affarijiet lura. B'hekk ara li tpoġġihom f'cover ta' kwalità għolja u f'post li ma jarawx dawl. Li xi kultant żmien tfarfar il-covers li tpoġġi l-karti fihom jgħin biex ma jinħoloqx tniġġis f'dik iż-żona. Li tiċċekkja minn żmien għal żmien huwa importanti biex tara li m'hemmx xi insetti jew qed titrabba xi moffa.

Ara li l-folders jew il-kaxxi li se terfa' l-karti fihom tkun bla aċidu, ikunu pH naturali. Idealment, fejn se taħżen il-kontenituri ma jkollhomx ukoll linjin (lignin) għax dan jikkawża l-aċidu li jtebba' l-karta safra jew kannella.

Ħafna filatelisti jippreferu li jaraw il-karti ppreservati b'mod faċli, b'hekk importanti li tuża cover tal-polyester. Il-polyester għandu jkun inert, li ma jkunx fih plastiċizzaturi u ma jkollhomx xi kulur. Il-polyester hu tajjeb għax iżomm ma' xulxin b'mod naturali, b'hekk l-oġġett jibqa' ppreservat bla arja.

Ftakar li meta qed tippreserva ara li ma tagħmilx ħsara, b'hekk imporanti li taħsel idejk qabel tmiss il-karta u tpoġġix oġġetti oħra fuq il-karti. Importanti li tnaddaf il-karta minn materjal żejjed bħal staples, paperclips, stickers u tejp. It-tejp hu l-akbar għadu tal-karta għax fi żmien sitt xhur biss jista' joħloq ħsara irreversibli. Il-paperclips u staples huma ħżiena peress li dawn issaddu l-karta.

Jekk timxi ma' dawn il-pariri tkun tista' tgawdi aktar l-ittri u d-dokumenti imprezzabli li għandek fil-kolezzjoni tiegħek.




**Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

*se joħroġ*

**5 bolol personalizzati u kartolini**

*Sensiela*

***Niċeċ iż-Żejtun***

IT-TIELET HARĠA – DIĊEMBRU 2018






**Data tal-Hruġ:**
**7 ta' Diċembru 2018**

Importanti li **tordna** minn qabel
**sa mhux aktar tard**
**mit-Tlieta, 4 ta' Diċembru**

GHAL AKTAR INFORMAZZJONI JEW ORDNI ĊEMPEL
**2166 3866 / 9920 3815**

BOLOL MAHRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEJTUN,
FUQ INIZJATTIVA TAT-TAQSIMA GHALL-KULTURA, IT-TURIŻMU
U L-EDUKAZZJONI GHOLJA, IMMEXXIJA MILL-KUNSILLIER SEAN CHIRCOP



**Misteru:** Din ix-xbieha tal-Madonna hi assoċjata mal-Milied jew mal-Ġimgħa Mqaddsa? Hekk kif tinsab bl-istallet ħdejn sidirha qed tfakkarna fid-Duluri, iżda bla sejf tiġi l-Madonna qed tistenna tarbija u qed tmelles il-ġuf?